**16 ta' Frar, 1993**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Borg noe

*versus*

*Accountant General et*

**Soċjetà - Dritt ta' Rappreżentanza**

*L-istatuti tas-soċjetajiet ħafna drabi jirregolaw id-dritt ta' rappreżentanza. Din ir-regolamentazzjoni issir fl-interess tas-soċji u tiġi avżata lit-terzi permezz tar-reġistrazzjoni ta' l-istess statuti għand ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet. Meta l-istatuti ma jagħmlux l-għażla, tissupplixxi l-liġi sabiex it-terzi jkunu jistgħu jħarrku lis-soċjetà.*

*M'hemm ebda dubju li kull soċjetà tista' tagħżel lil min għandu jirrappreżentaha fl-atti ġudizzjarji u li ma tirreġistrax dik l-għażla. Dak ir-rappreżentant ikollu l-fakoltajiet kollha biex jippreżenta skritturi u jipproponi kull azzjoni fl-interess soċjali mentri t-terzi li jkunu jridu jħarrku lis-soċjetà jridu jħarrku żewġ diretturi ta' dik is-soċjetà, kif dawn ikunu rreġistrati, jew direttur wieħed jekk ma jkunx hemm tnejn irreġistrati.*

*Trid issir distinzjoni bejn min jista' jipproponi l-azzjoni u min huwa obbligat li joqgħod fil-ġudizzju f'vesti rappresentattiva.*

*Jekk it-tali persuna għandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-soċjetà u lis-soċi u mhux lit-terzi.*

1. L-att promotorju tal-kumpanija attriċi ġie ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fih intqal illi l-istess kumpanija ħallset bħala penali, imma indebitament, lill-konvenut is-somma ta' elf u tlett mitt lira (Lm1300), billi l-kumpanija qatt ma kellha negozju mal-konvenut. Talbet għalhekk lil dik il-Qorti li (a) tiddikjara li l-kumpanija qatt ma kellha negozju mal-konvenut biex tissupplixxi *bitumen* u (b) li tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi lill-kumpanija attriċi, is-somma msemmija, imħallsa indebitament;

2. Il-konvenut eċċepixxa illi (a) il-penali kienet dovuta mis-soċjetà *S.M. Enterprises Limited* u (b) l-inammissibilità tax-xhieda ddikjarati inkwantu l-oġġett tal-provi li dak li se jiddeponu fuqu, ma ġiex iddikjarat;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut spjega illi l-appalt għall-konsenja tal-*bitumen* lill-Gvern, kien ġie aċċettat minn *S.M. Enterprises Limited* li però naqset li tagħmel il-konsenji li obbligat ruħha li tagħmel u b'hekk inkorriet fil-penali, li issa qed tiġi rikjamata;

Sussegwentement – fis-6 ta' Frar, 1989 – il-konvenut ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fis-sens illi Joseph Borg ma kinitx il-persuna leġittima biex tipproponi l-kawża billi huwa qatt ma kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjetà attriċi;

3. Fl-24 ta' April, 1990, l-ewwel Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u qalet hekk:

"Illi l-ewwel għandha tiġi deċiża l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut ta' l-"illeġittimità tal-persuna ta' l-attur *stante* illi dan qatt ma kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjetà attriċi minn meta ġiet intavolata l-kawża sa issa";

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur irriżenja minn direttur tas-soċjetà attriċi fit-30 ta' Settembru, 1986, u ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fis-16 ta' Diċembru, 1987;

Illi l-abbli Perit Legali wasal għall-konklużjoni li din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda, iżda l-Qorti tħoss li għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni;

Minn eżami tar-Relazzjoni Peritali jidher li l-Perit Legali qed jibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq il-konsiderazzjoni segwenti:

(a) Fuq l-"*article*" 14 ta' l-istatut tas-soċjetà attriċi li jiddisponi li:

*"A Director may appoint any other person to act as his alternate";*

(b) Fuq il-fatt li l-"*article*" ta' l-istess statut jiddisponi li:

*"The regulations contained in Part 1 of the Final Schedule to the Commercial Partnerships Ordinance 1962 (such schedule being herein after called the "First Schedule") shall apply to the Company, save in so far as they are excluded or varied hereby"*;

(ċ) Mis-suespost il-Perit Legali kkonkluda li japplikaw għas-soċjetà attriċi r-Regolamenti 55 u 68 ta' l-iskeda fuq riferita, li jipprovdu li diretturi jistgħu jiddelegaw il-poteri tagħhom lill-kumitat jew lill-mandatarji oħrajn;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti għandha ssir distinzjoni bejn il-poter tas-singolu direttur li jinnomina *"alternate"* għalih u d-delega tal-poteri vestiti fil-bond tad-diretturi favur persuna li mhix direttur;

M'hemmx dubju li skond l-*"article"* 14 ta' l-istatut fuq iċċitat direttur jista' jinnomina anke persuna li mhix direttur biex taġixxi bħala sostitut tiegħu, jiġifieri *"alternate"* tiegħu;

Hawn għandu wkoll jiġi ppreċiżat li r-risoluzzjoni fuq riferita ma tikkostitwix u mhix ifformolata bħala nomina ta' *"alternate director"*;

Ikkunsidrat:

Illi għar-rigward tar-rappresentanza ġudizzjarja l-*"article"* 16 ta' l-istatut li jiddisponi li *"any director may represent the company in judicial proceedings"*, fil-fehma tal-Qorti jesiġi li din tkun vestita biss f'direttur. Għalhekk, ir-Regolamenti, 55

u 68 ippreċitati huma applikabbli għas-soċjetà bil-limitazzjoni però li d-diretturi ma jistgħux jappuntaw lil min mhux direttur biex jirrappreżenta lis-soċjetà fi proċeduri ġudizzjarji u dan peress li l-istatut ta' soċjetà jipprevalixxi fuq ir-Regolamenti ta' l-iskeda mhux biss meta jeskludihom imma meta ivarjahom;

Infatti l-artikolu 73(2) ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Kap. 168) jiddisponi li:

"Jekk l-istatut ma jkunx irreġistrat, jew jekk l-istatut ikun irreġistrat, safejn ma jeskludix jew ma jbiddilx (sottolinear tal-Qorti) ir-regolamenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, dwar ir-regolamenti jkunu r-regolamenti tal-kumpanija bl-istess mod u fl-istess grad bħallikieku kienu fi statut irreġistrat kif imiss";

Jiġi rrilevat ukoll li l-ewwel *"article"* ta' l-istatut tas-soċjetà attriċi wkoll jipprovdi li r-regolamenti ta' l-iskeda: *"shall apply to the company save in so far as they are excluded or varied* (sottolinear tal-Qorti) *thereby"*;

Ikkunsidrat:

Illi r-risoluzzjoni tat-18 ta' Marzu, 1985, li biha l-attur Joseph Borg ġie mogħti *"inter alia"* il-poter *"to stand in judgement as plaintiff or as defendant on behalf of the above mentioned company"* kienet valida meta ttieħdet peress li dak iż-żmien Joseph Borg kien direttur tagħha, iżda ma baqgħetx valida għar-rigward tal-poter tar-rappresentanza ġudizzjarja lilu kkonferit, meta huwa rriżenja minn direttur, peress li kif ingħad, ir-rappresentanza ġudizzjarja tal-kumpanija attriċi tkun vestita biss f'wieħed mid-diretturi a tenur ta' l-*"article"* 16 ta' l-istatut

tal-kumpanija;

Għal dawn il-motivi; tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u konsegwentement tiddikjara li l-attur mhux il-leġittimu rappresentant tas-soċjetà attriċi u lanqas ma kien meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni odjerna u għalhekk tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur Joseph Borg";

4. Is-soċjetà attriċi appellat għaliex l-Istatuti tagħha ma jeskludux li hija tista' taħtar kwalsiasi persuna biex tirrappreżentaha u tipproponi f'isimha, azzjoni ġudizzjarja;

5. Is-suġġett ta' dan l-appell huwa ta' natura ġuridika – il-leġittimità o meno ta' persuna li toqgħod fil-ġudizzju in rappresentanza ta' persuna ġuridika;

Il-liġi, fl-artikolu 180 Kap. 12 tawtorizza li jiġu ppreżentati skritturi, fost oħrajn minn – "**soċju jew rappresentant** ta' ditta jew soiċjetà kummerċjali" – paragrafu (a) sub-artikolu (1);

Il-liġi tħalli f'idejn is-soċjetà l-għażla tal-persuna li għandha jkollha s-setgħa ta' rappresentanza. **Jekk dik l-għażla ma ssirx,** il-liġi, *in subsidium*, tikkonferixxi d-dritt ta' rappresentanza f'żewġ diretturi, jew, meta jkun hemm direttur wieħed, dak id-direttur – artikoilu 121(2) Kap. 168;

L-istatuti tas-soċjetajiet ħafna drabi jirregolaw id-dritt ta' rappresentanza. Din ir-regolamentazzjoni ssir fl-interess tas-soċi u tiġi avżata lit-terzi permezz tar-reġistrazzjoni ta' l-istess statuti għand ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet – kif hemm stabbilit fil-Kap. 168. Meta l-Istatuti ma jagħmlux l-għażla – kif intqal –

tissupplixxi l-liġi **sabiex it-terzi jkunu jistgħu jħarrku lis-soċjetà;**

M'hemm ebda dubju li kull soċjetà tista' tagħżel lil min għandu jirrappreżentaha fl-atti ġudizzjarji u li ma tirreġistrax dik l-għażla. Dak ir-rappresentant ikollu l-fakoltajiet kollha biex jippreżenta skritturi u jipproponi kull azzjoni fl-interess soċjali, mentri t-terzi li jkunu jridu jħarrku lis-soċjetà jridu jħarrku żewġ diretturi ta' dik is-soċjetà, kif dawn ikunu rreġistrati, jew direttur wieħed jekk ma jkunx hemm tnejn irreġistrati. Trid issir distinzjoni bejn min jista' jipproponi l-azzjoni u min huwa obbligat li joqgħod fil-ġudizzju f'vesti rappresentattiva;

Jekk it-tali persuna għandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni **li tinteressa lis-soċjetà u lis-soċi** u mhux lit-terzi. **It-terzi debituri** huma interessati li jassikuraw li l-persuna li qed tidher fi kwalità rappresentattiva tkun verament qed tidher fl-interess tas-soċjetà u mhux fl-interess personali tagħha jew ta' xi persuna oħra. L-interess tad-debitur huwa ċirkoskritt għal din il-kwalità ta' garanzija – l-assikurazzjoni li jekk għandu jħallas, ikun qed iħallas tajjeb, jiġifieri lill-kreditur veru tiegħu. Sa hawn. Id-debitur m'għandux dritt li jattakka dik ir-rappresentanza minħabba xi difett fl-operat tas-soċjetà meta għamlet l-għażla tar-rappresentant, jew xi difett fl-iskrittura tan-nomina jew simili. Dawn huma l-prinċipji ġenerali tad-dritt, li fuqhom huma mibnija l-provvedimenti ta' l-artikoli 780 sa 788 Kap. 12;

Speċjalment rilevanti huwa l-art. 786(1):

"L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor **ma tistax tingħata**

kontra l-prokuratur jew l-ekonomu ta' l-Isqof Djoċesan ta' Malta jew ta' l-Isqof t'Għawdex, jew **kontra waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 180'';**

u fost il-persuni msemmijin f'dak il-paragrafu, hemm inklużi ''soċju **jew rappresentant** ta' ditta jew soċjetà kummerċjali'' – kif diġà ġie nnotat fil-paragrafu 5 *supra;*

Din ir-regola proċedurali ma ġietx ikkunsidrata fil-proċess fl-ewwel grad. Din hija regola li tassikura stabbilita proċedurali u l-inċisività tal-kawża. L-illeġittimata tal-persuna fil-**kwalità tagħha rappresentattiva** hija kkoltivata b'mod speċjali fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – Kap. 12 – u dan jindika li hemm l-obbligu li jsir sforz biex, din l-eċċezzjoni, meta tingħata, inkwantu tista' tirriżulta li hija biss ta' natura dilatorja, trid tiġi eżaminata fl-aspetti kollha tagħha. L-artikoli proċedurali msemmija jindikaw ukoll illi l-ġudikant għandu dejjem iħares lejn il-fattur ta' l-**interess ġuridiku** kemm ta' **min jagħti l-eċċezzjoni** kif **ukoll tal-persuna mogħtija rappresentanza** biex tkun fil-ġudizzju. Dan il-fattur iċedi l-pass **biss** meta jidħol fin-nofs prinċipju ta' **ordni pubbliku fid-dritt ta' rappresentanza** bħal meta, per eżempju, dak id-dritt jingħata lill-minuri jew l-inkapaċi – artikolu 781 Kap. 12;

6. Applikat dan kollu għall-każ konkret, ma jistax ikun hemm illum dubju li Joseph Borg huwa l-leġittimu rappresentant tas-soċjetà attriċi u li l-konvenut, la dan huwa stabbilit minn ġudizzju ta' din il-Qorti, ma jista' qatt ibati preġudizzju, **jekk u meta** jirriżulta sokkumbenti fil-kawża, iħallas lilu għan-nom tas-soċjetà, biex jeħles mid-debitu kkanonizzat – irrispettivament minn dak li setgħet għamlet u m'għamlitx is-

soċjetà, internament, fir-rigward, u sa hemm jasal l-interess ġuridiku tal-konvenut biex jipproponi l-eċċezzjoni tiegħu;

7. Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni tal-konvenut hija miċħuda, l-appell huwa akkolt u l-atti għandhom imorru lura quddiem l-ewwel Qorti biex il-kawża tkompli tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

L-ispejjeż kollha taż-żewġ gradi għandhom jiġu ssopportati mingħajr taxxa bejn il-partijiet – kif jissuġġerixxi l-itinerarju serpeġġjanti li għażel li jaddotta l-istess Joseph Borg u s-soċjetà li jirrappreżenta li għażlet li taġixxi, b'mod li ġustament ta lok għal dubji.